KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.9.2007
KUMM(2007) 488 finali

2007/0175 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SFOND POLITIKU U LEGALI

Il-bażi legali għar-relazzjoni UE-Moldova huwa l-**Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni (FPK)**, li kien iffirmat fit-28 ta' Novembru 1994 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1998. Il-FPK jistabbilixxi l-istruttura għal djalogu politiku regolari bejn il-partijiet.

Wara l-adozzjoni tal-**Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV – Partenarjat Ewropew tal-Viċinat) UE-Moldova** fi Frar 2005, ir-Repubblika tal-Moldova huwa pajjiż imsieħeb fil-PEV. Bl-adeżjoni tar-Rumanija, ir-Repubblika tal-Moldova taqsam il-fruntieri ma' l-Unjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni PEV jipprovdi l-bażi għal kooperazzjoni sostanzjalment intensifikata bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova dwar kwistjonijiet ta' ġustizzja u ta' affarijiet interni.

Matul dawn il-kuntatti frekwenti l-awtoritajiet tal-Moldova ħafna drabi indikaw l-importanza li jagħtu għall-kuntatti bejn il-persuni u l-ħruġ tal-viżi; f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet tal-Moldova pprovdew numru ta' dokumenti informali (*non-papers*) dwar l-iżviluppi relatati mal-JLS.

Fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Viċinat Ewropew UE-Moldova, ġiet organizzata laqgħa teknika *ad hoc* dwar il-possibbiltajiet ta' ffaċilitar dwar il-ħruġ ta' viżi skond l-*acquis* ta' Schengen ma' l-awtoritajiet tal-Moldova fis-7 ta' Ġunju 2006.

Għall-Komunità Ewropea, il-ftehimiet dwar l-iffaċilitar tal-viżi jirrappreżentaw strument ġdid fil-qafas tal-politika tal-viżi Ewropea għal żjarat qosra: fil-**Programm ta' l-Aja,** il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jeżaminaw, bil-ħsieb li jiżviluppaw approċċ komuni, "jekk fil-kuntest tal-politika ta' ammissjoni mill-ġdid tal-KE jkunx opportun li jkun iffaċilitat, fuq bażi ta' każ b'każ, il-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn ikun possibbli u fuq bażi ta' reċiproċità, bħala parti minn sħubija reali fir-relazzjonijiet esterni, inklużi kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni." L-UE żviluppat u użat dan l-istrument għall-ewwel darba fir-relazzjonijiet tagħha mal-Federazzjoni Russa u ma' l-Ukrajna u iktar tard ukoll ma' l-Albanija, il-Bożnja u l-Ħerzegovina, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**,** il-Montenegro u s-Serbja.

F'Diċembru 2005, fuq il-livell tal-Coreper, l-Istati Membri qablu fuq approċċ komuni għall-i żvilupp ta' politika ta' l-UE dwar l-iffaċilitar tal-viżi u identifikaw elementi prinċipali li g ħandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni meta jkun deċiż li jinfetħu negozjati dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ tal-viżi ma' pajjiżi terzi.

Il-Kunsill JHA ta' l-24 ta' Lulju 2006 stieden lill-Kummissjoni biex tagħmel konsultazzjonijiet ma' l-Istati Membri fi ħdan il-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill dwar il-possibbiltà li jinbdew negozjati dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi u ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid mar-Repubblika tal-Moldova. Wara din l-istedina l-Kummissjoni ppreparat dokument mhux uffiċjali li janaliżża l-kriterji stabbiliti fl-approċċ komuni dwar l-iffaċilitar tal-viżi u għamlet konsultazzjonijiet ma' l-Istati Membri fi ħdan il-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill. Dawn il-konsultazzjonijiet kellhom riżultat pożittiv.

Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill lill-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2006, in-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra nfetħu fi Brussell fid-9 ta' Frar 2007, flimkien mal-kontinwazzjoni tan-negozjati dwar ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid. Madankollu, f'dik il-laqgħa l-awtoritajiet tal-Moldova ddikkjaraw li ma

ridux jinnegozjaw dwar l-iffaċilitar tal-viżi iżda dwar il-liberalizzazzjoni tal-viżi. Għaldaqstant wara bosta proċeduri ma' l-awtoritajiet tal-Moldova, in-negozjati komplew u saret sessjoni oħra ta' negozjati fis-17 ta' April 2007 fi Brussell flimkien ("*back-to-back*") man-negozjati mal-ftehim KE-Repubblika tal-Moldova ta' ammissjoni mill-ġdid Din is-sessjoni ta' negozjati formali kienet ippreparata minn żewġ laqgħat esperti informali.

Fil-25 ta' April 2007, it-testi finali ta' l-iffaċilitar tal-viżi u l-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid inbdew f'Chisinau.

Il-Kummissjoni Ewropea diġà nnegozjat ftehim ta' ffaċilitar tal-viża ma' seba' pajjiżi terzi (il-Federazzjoni Russa, l-Ukrajna, l-Albanija, il-Bożnja u Ħerzegovina, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja). L-esperjenza miksuba f'negozjati preċedenti kienet utli għan-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova.

L-Istati Membri ġew informati u kkonsultati darbtejn fil-Grupp ta' Ħidma reġjonali tal-Kunsill wara s-sessjoni formali ta' negozjati fis-17 ta' April.

Min-naħa tal-Komunità, il-bażi legali għall-Ftehim hija l-Artikolu 62(2)(b), flimkien ma' l-Artikolu 300 TKE.

Il-proposti mehmuża jikkostitwixxu l-istrumenti legali għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata. Il-Parlament Ewropew ser ikollu jkun konsultat formalment dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, skond l-Art. 300(3) Trattat tal-KE.

Id-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tistabbilixxi l-arranġamenti interni neċessarji għall-applikazzjoni prattika tal-Ftehim. Partikolarment, tispeċifika li l-Kummissjoni Ewropea, meg ħjuna minn esperti mill-Istati Membri, tirrappreżenta l-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Skond l-Artikolu 12(4), il-Kumitat Konġunt jista' jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. Il-po żizzjoni tal-Komunità f'dan ir-rigward għandha tkun stabbilita mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni ma' Kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

Iċ-ċittadini Ewropej huma eżenti mill-obbligu tal-viża mir-Repubblika tal-Moldova mill-1 ta' Jannar 2007. F'dan ir-rigward, l-abbozz ta' ftehim dwar l-iffaċilitar tal-viża jiddikkjara fl-Artikolu 14 li jekk ir-Repubblika tal-Moldova ddaħħal il-ħtieġa tal-viża mill-ġdid għaċ-ċittadini ta' l-UE, l-istess iffaċilitar mogħti taħt il-ftehim liċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova jkun japplika awtomatikament, fuq bażi ta' reċiproċità, għaċ-ċittadini ta' l-UE.

2. RIŻULTAT TAN-NEGOZJATI

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati nkisbu u li l-abbozz ta' ftehim ta' l-iffaċilitar tal-viża hu aċċettabbli għall-Komunità.

Il-kontenut aħħari tiegħu jista' jitqassar kif ġej:

– fil-prinċipju, għall-applikanti kollha tal-viża, ikollha tittieħed deċiżjoni dwar jekk tinħariġx il-viża jew le fi żmien għaxart ijiem. Meta jkun jinħtieġ aktar skrutinju, dan il-perjodu jista' jkun estiż sa 30 jum. F'każijiet urġenti, il-perjodu għat-teħid ta' deċiżjoni jista' jitnaqqas g ħal jumejn jew inqas;

– il-ħlas tal-viża għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet ta' ċittadini mill-Moldova għandu jammonta għal 35 €. Dan il-ħlas ikun applikat għall-applikanti kollha mill-Moldova għal viża u jirrigwarda kemm viżi għal dħul ta' darba kif ukoll viżi għal dħul aktar minn darba. Barra minn hekk, ċerti kategoriji ta' persuni jibbenefikaw minn eżenzjoni mill-ħlas tal-viża: qraba, uffiċjali li jipparteċipaw f'attivitajiet tal-gvern, studenti, persuni b'diżabilità, każijiet umanitarji, persuni li jipparteċipaw fi programmi ta' skambju kulturali u edukattivi u f'avvenimenti sportivi u kulturali, ġurnalisti, tfal taħt l-età ta' 18-il sena u tfal dipendenti taħt l-età ta' 21 sena, pensjonanti, xufiera li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri, u membri tal-professjonijiet;

– id-dokumenti li għandhom ikunu ppreżentati fir-rigward ta' l-għan tal-vjaġġ kienu simplifikati għal xi kategoriji ta' persuni: membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, membri tal-professjonijiet, persuni tan-negozju, xufiera li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri, membri ta' l-ekwipaġġ tal-ferroviji, ġurnalisti, parteċipanti f'avvenimenti xjentifiċi, kulturali u sportivi, studenti, parteċipanti fi programmi ta' skambju, qraba, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, qraba li jżuru għal ċerimonji ta' dfin, persuni li jżuru ċimiterji ċivili u militari u persuni li jżuru għal raġunijiet mediċi. Għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jistgħu jintalbu biss id-dokumenti mniżżla fil-ftehim sabiex ikun ġustifikat l-għan tal-vjaġġ. Ma tinħtieġ l-ebda ġustifikazzjoni, stedina jew validazzjoni oħra prevista mil-leġi żlazzjoni ta' l-Istati Membri;

– jeżistu wkoll kriterji simplifikati għall-ħruġ ta' viżi ta' dħul aktar minn darba għal dawn il-kategoriji ta' persuni:

a) għal membri ta' gvernijiet u parlamenti nazzjonali u reġjonali, Qrati Kostituzzjonali u Supremi, membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali, konjugi u tfal li jżuru ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova b'residenza legali fl-Istati Membri, persuni tan-negozju u ġurnalisti: viżi validi sa ħames snin (jew inqas, bill-perjodu ta' validità limitat skond il-mandat tagħhom jew l-awtorizzazzjoni għal residenza legali);

b) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, membri tal-professjonijiet, sewwieqa li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri, ekwipaġġi tal-ferrovija, parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju xjentifiċi, kulturali u attivitajiet sportivi u studenti jekk kemm-il darba fis-sentejn ta' qabel ikunu użaw tajjeb il-viżi ta' dħul aktar minn darba għal sena, u li r-raġunijiet g ħall-ħtieġa ta' viża għal dħul aktar minn darba jkunu għadhom validi: jinħarġu validi g ħal minimu ta' sentejn u massimu ta' ħames snin;

– ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li huma titulari ta' passaporti diplomatiċi validi huma e żentati mill-ħtieġa tal-viżi għal żjarat qosra;

– kien hemm qbil fuq protokoll li jgħid li Stati Membri li għadhom ma japplikawx kompletament l-*acquis* ta' Schengen, jistgħu jorganizzaw, unilateralment, viżi u permessi ta' residenza Schengen maħruġa lil ċittadini tal-Moldova għall-għan ta' tranżitu fit-territorju tag ħhom skond id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 895/2006/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006[1]. Hija miżjuda referenza għall-emenda futura tad-Deċiżjoni (KE) 895/2006 biex ikunu koperti l-Bulgarija u r-Rumanija;

[1] ĠU L167, 20.6.2006, p.1.

– hi mehmuża Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim dwar l-aċċess ta' applikanti g ħall-viża għal informazzjoni u armonizzazzjoni ta' proċeduri ta' informazzjoni għall-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra;

– b'risposta għat-talba speċifika mir-Repubblika tal-Moldova, hi mehmuża Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim dwar ir-rappreżentazzjoni u ċ-Ċentru ta' Applikazzjoni Komuni f'Chisinau.

Għall-kwistjonijiet kollha li mhumiex koperti mill-Ftehim ir-regoli normali ta' Schengen jew il-li ġi nazzjonali jkomplu japplikaw, bħaċ-ċaħda milli tinħareġ viża, rikonoxximent ta' dokumenti ta' vvjaġġar, prova ta' mezzi ta' għejxien suffiċjenti, il-possibbiltà f'każ ta' dubju li jiġu mistiedna applikanti għal intervista personali f'każijiet individwali iżda wkoll il-flessibbiltajiet li jeżistu diġà għal vjaġġaturi in bone fede.

Is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda huma riflessi fil-preambolu u f'żewġ dikjarazzjonijiet konġunti mehmuża mal-Ftehim. L-assoċjazzjoni mill-qrib tan-Norve ġja u l-Iżlanda ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen hi bl-istess mod riflessa f'dikjarazzjoni konġunta mal-Ftehim.

Ladarba ż-żewġ ftehimiet dwar l-iffaċilitar tal-viża u l-ammissjoni mill-ġdid huma marbuta, iż-żewġ ftehimiet għandhom ikunu ffirmati, konklużi u jidħlu fis-seħħ flimkien.

3. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

– jiddeċiedi li l-Ftehim ikun iffirmat f'isem il-Komunità u jawtorizza lill-President tal-Kunsill sabiex jaħtar persuna/i bis-setgħa meħtieġa sabiex jiffirmaw f'isem il-Komunità;

– japprova, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Ftehim mehmuż bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ tal-viżi għal żjarat qosra.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(b)(i) u (ii), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Bid-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra.

(2) In-negozjati dwar il-ftehim infetħu fid-9 ta' Frar 2007 u kienu konklużi fis-17 ta' April 2007.

(3) Suġġetti għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim mibdi f'Chisinau fil-25 ta' April 2007, għandu jiġi ffirmat....

(4) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, u l-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jipparteċipawx fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhumiex marbuta biha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(5) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej, id-Danimarka mhix sejra tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhix marbuta biha jew bl-applikazzjoni tagħha.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Suġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna (persuni) bis-setgħa li jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-

[2] ĠU C , p. .

ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fit-test tal-ftehim, Protokoll u d-dikjarazzjonijiet.

Magħmul fi Brussell, fil-…ta'…2007.

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0175 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(b)(i) u (ii), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4]

BILLI:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ewropea Ftehim mar-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra;

(2) Dan il-Ftehim ġie ffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea, fil-…....2007, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu aktar tard, skond id-Deċiżjoni …/…/KE tal-Kunsill tal-[….....]

(3) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat.

(4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt għat-tmexxija tal-Ftehim, li jista' jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Huwa xieraq li tiġi prevista proċedura simplifikata għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Komunità f'dan il-każ.

(5) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, u l-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jipparteċipawx fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhumiex marbuta biha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej, id-Danimarka mhix sejra tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhix marbuta biha jew bl-applikazzjoni tagħha.

---

[3] ĠU C….

[4] ĠU C….

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-ftehim hu anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħmel in-notifika li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 15(1) tal-Ftehim[5].

Artikolu 3

Il-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' esperti stabbilit mill-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt ta' esperti rigward l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu kif meħtieġ taħt l-Artikolu 12 (4) tal-Ftehim ser tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, fil-…ta'…2007.

Għall-Kunsill
Il-President

[5] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill].

Anness

Ftehim

bejn

il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova

dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità";

kif ukoll

ir-Repubblika tal-Moldova,

minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Partijiet;

Filwaqt li jqisu li, mill-1 ta' Jannar 2007, ċittadini ta' l-UE huma eżenti mill-ħtieġa tal-viża meta jivvjaġġaw fir-Repubblika tal-Moldova għal perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx id-90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum jew meta jaqsmu mit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova;

Bil-ħsieb li jiżviluppaw aktar ir-relazzjonijiet ta' ħbiberija bejn il-partijiet kontraenti u x-xewqa li jiffaċilitaw il-kuntatt tal-persuni bħala kundizzjoni importanti għal żvilupp solidu tar-rabtiet ekonomiċi, umanitarji, kulturali, xjentifiċi u rabtiet oħra, billi jiffaċilitaw il-ħruġ ta' viżi għal ċittadini tal-Moldova;

Wara li kkunsidraw il-Pjan ta' Azzjoni PEV UE-Moldova kurrenti, li nnota li jista' jiġi stabbilit djalogu kostruttiv dwar il-kooperazzjoni dwar il-viża bejn l-UE u l-Moldova, inkluż skambju ta' opinjonijiet fuq possibbiltajiet ta' ffaċilitar tal-viża skond l-*acquis*;

Filwaqt li jagħrfu d-dħul ta' reġim ta' vvjaġġar ħieles mill-viża għaċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova bħala perspettiva għat-tul;

Filwaqt li jgħarfu li jekk ir-Repubblika tal-Moldova ddaħħal mill-ġdid il-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' l-UE, l-istess iffaċilitar mogħti b'dan il-ftehim liċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova jkun awtomatikament, fuq bażi ta' reċiproċità, japplika għaċ-ċittadini ta' l-UE;

Filwaqt li jagħrfu li dan l-iffaċilitar m'għandux iwassal għal migrazzjoni illegali u jagħtu attenzjoni speċjali lis-sigurtà u l-ammissjoni mill-ġdid;

Filwaqt li jqisu l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda u l-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat ta' Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim ma japplikawx għar-Renju Unit u l-Irlanda;

Filwaqt li jqisu l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat ta' Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet

ta’ dan il-ftehim ma japplikawx għar-Renju tad-Danimarka.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1 – Għan u ambitu ta’ applikazzjoni

L-għan ta' dan il-Ftehim hu li jiffaċilita l-ħruġ ta' viżi għal żjara intiża ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova.

Artikolu 2 – Klawżola Ġenerali

1. L-iffaċilitar tal-viża previst f’dan il-Ftehim għandu japplika għal ċittadini ta’ l-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Moldova biss sakemm ma jkunux eżenti mill-ħtieġa tal-viża bil-liġijiet u r-regolamenti tal-Komunità jew ta’ l-Istati Membri, tal-ftehim pre żenti jew ftehimiet internazzjonali oħra.

2. Il-liġi nazzjonali tar-Repubblika tal-Moldova, jew ta’ l-Istati Membri jew il-liġi Komunitarja għandhom japplikaw fi kwistjonijiet li mhumiex koperti mid-dispo żizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim, bħaċ-ċaħda milli tinħareġ viża, rikonoxximent ta' dokumenti ta' vvjaġġar, prova ta' mezzi ta’ għejxien suffiċjenti u ċ-ċaħda tad-dħul u mi żuri ta’ espulsjoni.

Artikolu 3 - Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dan il-Ftehim:

a) "*Stat Membru*" għandha tfisser kwalunkwe Stat Membru tal-Komunità Ewropea, bl-e ċċezzjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda, u r-Renju Unit;

b) “*Ċittadin ta’ l-Unjoni Ewropea*” għandha tfisser ċittadin ta’ Stat Membru kif deskritt fil-punt (a);

c) "*Ċittadin tar-Repubblika tal-Moldova*" għandha tfisser persuni biċ-ċittadinanza tar-Repubblika tal-Moldova;

d) “*Viża*” għandha tfisser awtorizzazzjoni maħruġa jew deċiżjoni meħuda minn Stat Membru li tkun meħtieġa bil-ħsieb ta’:

   – dħul għal soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru jew f'diversi Stati Membri ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum,

   – dħul għal tranżitu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew diversi Stati Membri.

e) "*persuna legalment residenti*" għandha tfisser ċittadin tar-Repubblika tal-Moldova awtorizzat jew intitolat li joqgħod għal aktar minn 90 jum fit-territorju ta’ Stat Membru, fuq il-bażi ta’ leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali.

Artikolu 4- Xiehda ċertifikata dwar l-għan tal-vjaġġ

1. Għall-kategoriji li ġejjin ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova, id-dokumenti li ġejjin huma biżżejjed sabiex jiġġustifikaw l-għan tal-vjaġġ lejn il-Parti l-oħra:

a) għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċċjali li, wara stedina uffiċċjali indirizzata lir-Repubblika tal-Moldova, għandhom jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi:

– ittra maħruġa minn awtorità tal-Moldova li tikkonferma li l-applikant hu membru tad-delegazzjoni tagħha li qed tivvjaġġa lejn il-Parti l-oħra sabiex tipparteċipa fl-avvenimenti msemmija qabel, akkumpanjata b'kopja ta' l-istedina uffiċċjali;

b) għal membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożja, seminars jew attivitajiet simili oħra li jsiru fit-territorju ta' l-Istati Membri:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tkun qed tospita sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-attività;

c) għal nies tan-negozju jew rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' negozju:

– talba bil-miktub minn persuna legali jew kumpanija li qed tospita, jew uffiċċju jew il-fergħat tagħhom, awtoritajiet statali u lokali ta' l-Istati Membri jew kumitati organizzattivi ta' wirjiet ta' kummerċ u industrija, konferenzi u simpożja li jsiru fit-territorji ta' l-Istati Membri, approvata uffiċjalment mill-Kamra tar-Re ġistrazzjonijiet ta' l-Istat tar-Repubblika tal-Moldova;

d) għal sewwieqa li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri lejn it-territorji ta' l-Istati Membri f'vetturi reġistrati fir-Repubblika tal-Moldova:

– talba bil-miktub mill-assoċjazzjoni nazzjonali ta' min iwassal fir-Repubblika tal-Moldova li tipprovdi għal trasport internazzjonali bit-triq, li tistqarr l-għan, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi;

e) għal membri ta' l-ekwipaġġ ta' ferroviji, refriġeraturi u lokomottivi f'ferroviji internazzjonali, li jivvjaġġaw bejn it-territorji ta' l-Istati Membri:

– talba bil-miktub mill-kumpanija ferrovjarja kompetenti tar-Repubblika tal-Moldova li tistqarr l-għan, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi;

f) għall-ġurnalisti:

– ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn organizzazzjoni professjonali li jixhed li l-persuna konċernata hi ġurnalist/a kwalifikati u dokument maħruġ minn min i ħaddmu/iħaddimha li jistqarr li l-għan tal-vjaġġ hu li jitwettaq xogħol ġurnalistiku;

g) għal persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' skambju:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tkun qed tospita sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-attivitajiet;

h) għal studenti, studenti gradwati u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż il-qafas ta' programmi ta' skambju kif ukoll attivitajiet oħra marbuta ma' l-iskola:

– talba bil-miktub jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni mill-università, akkademja, istitut, kulleġġ jew skola li tospita, jew karti ta' l-istudenti jew ċertifikati tal-korsijiet li jkunu ser jattendu;

i) għal parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tospita: awtoritajiet kompetenti, Federazzjonijiet sportivi nazzjonali u Kumitati Olimpiċi Nazzjonali ta' l-Istati Membri;

j) għal parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju organizzati minn bliet ġemellati u lokalitajiet oħra:

– talba bil-miktub mill-Kap ta' Tmexxija/mis-Sindku ta' dawn l-ibliet jew lokalitajiet oħra;

k) għal qraba – konjugi, ulied (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet u neputijiet – li jżuru ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova legalment residenti fit-territorju ta' l-Istati Membri:

– talba bil-miktub mill-persuna li tospita;

l) għar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jivvjaġġaw għal ra ġunijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju:

– talba mill-miktub maħruġa mill-organizzazzjoni li tospita, konferma li l-persuna qiegħda tirrappreżenta l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u ċ-ċertifikat dwar l-istabbiliment ta' tali organizzazzjoni mir-Reġistru rilevanti maħruġ minn awtorità ta' l-Istat skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali;

m) qraba li jżuru għal ċerimonji ta' dfin:

– dokument uffiċjali li jikkonferma l-fatt ta' mewt kif ukoll ir-relazzjoni familjari jew oħra bejn l-applikant u l-midfun;

n) għal żjarat ta' ċimiterji militari u ċivili:

– dokument uffiċjali li jikkonferma l-eżistenza u l-preservazzjoni tal-qabar kif ukoll tar-relazzjoni familjari jew oħra bejn l-applikant u l-midfun;

o) għal persuni li jżuru għal raġunijiet mediċi u persuni neċessarji biex jakkumpanjawhom:

– dokument uffiċjali ta' l-istituzzjoni medika li jikkonferma l-ħtieġa ta' kura medika f'din l-istituzzjoni, in-neċessità ta' l-akkompanjament, u evidenza ta' mezzi

finanzjarji suffiċjenti sabiex jitħallas it-trattament mediku.

2. It-talba bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkollha l-elementi li ġejjin:

a) għall-persuna mistiedna: isem u kunjom, data tat-twelid, sess, ċittadinanza, numru tal-passaport, ħin u għan tal-vjaġġ, numru ta' daħliet u fejn rilevanti l-isem tal-konjugi u tat-tfal li qed jakkumpanjaw lill-persuna mistiedna;

b) għall-persuna li tistieden: isem, kunjom u indirizz;

c) għall-persuna, kumpanija jew organizzazzjoni legali li tistieden: l-isem u l-indirizz sħaħ u

– jekk it-talba ssir minn organizzazzjoni jew awtorità, l-isem u l-pożizzjoni tal-persuna li tiffirma t-talba;

– jekk il-persuna li tistieden hi persuna legali jew kumpanija jew uffiċċju jew il-fergħa tagħhom li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, jinħtieġ in-numru tar-reġistrazzjoni kif mitlub mil-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru in kwistjoni.

3. Għall-kategoriji ta' ċittadini msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kategoriji kollha tal-viżi jinħarġu skond il-proċedura simplifikata mingħajr ma tkun tinħtieġ aktar ġustifikazzjoni, stedina jew validazzjoni dwar l-għan tal-vjaġġ, kif previst mil-leġi żlazzjoni ta' l-Istati Membri.

Artikolu 5 – Ħruġ ta' viżi għal dħul aktar minn darba

1. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom joħor ġu viżi b'terminu ta' validità sa massimu ta' ħames snin għal dawn il-kategoriji ta' persuni:

a) membri ta' Gvernijiet u Parlamenti nazzjonali u reġjonali, Qorti Kostituzzjonali u Qorti Suprema, jekk ma jkunux eżentati mill-ħtieġa tal-viża bil-Ftehim preżenti, fil-qadi ta' dmirijiethom, b'terminu ta' validità limitat għall-mandat tagħhom jekk dan ikun inqas minn 5 snin;

b) għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali permanenti li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika tal-Moldova, għandhom jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi:

c) konjuġi u tfal (inklużi dawk adottati), li jkunu taħt l-età ta' 21 jew ikunu dipendenti, u li jkunu qed iżuru ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li jkunu legalment residenti fit-territorju ta' l-Istati Membri bit-terminu ta' validità limitat għat-tul tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni tagħhom għal residenza legali;

d) persuni fin-negozju u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' negozju li jivvjaġġaw regolarment fl-Istati Membri;

e) ġurnalisti.

2. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom joħor ġu viżi ta' dħul aktar minn darba b'terminu ta' validità sa massimu ta' sena għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jekk kemm-il darba matul is-sena ta' qabel ikunu kisbu mill-inqas viża waħda, ikunu użawha skond il-liġijiet ta' dħul u residenza fit-territorju ta' l-Istat li żaru u jekk ikun hemm raġunijiet għall-ħtieġa ta' viża ta' dħul aktar minn darba:

a) għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika tal-Moldova, għandhom jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi:

b) għar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jivvjaġġaw regolarment għal raġunijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

c) għal membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożja, seminars jew avvenimenti simili oħra li jivvjaġġaw regolarment fl-Istati Membri;

d) għal sewwieqa li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri lejn it-territorji ta' l-Istati Membri f'vetturi reġistrati fir-Repubblika tal-Moldova;

e) membri ta' l-ekwipaġġ ta' ferroviji, refriġeraturi u lokomottivi f'ferroviji internazzjonali li jivvjaġġaw bejn it-territorji ta' l-Istati Membri;

f) persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' skambju, li jivvjaġġaw regolarment fil-Istati Membri;

g) studenti gradwati li jivvjaġġaw regolarment għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż il-qafas ta' programmi ta' skambju;

h) parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

i) għal parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju organizzati minn bliet ġemellati u lokalitajiet oħra.

3. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom joħor ġu viżi għal dħul aktar minn darba b'terminu ta' validità ta' minimu ta' sentejn u massimu ta' 5 snin għall-kategoriji ta' ċittadini msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jekk kemm-il darba fis-sentejn ta' qabel ikunu użaw tajjeb il-viżi ta' dħul aktar minn darba għal sena, skond il-liġijiet dwar id-dħul u r-residenza fit-territorju ta' l-Istat li żaru u li r-raġunijiet għall-ħtieġa ta' viża għal dħul aktar minn darba jkunu g ħadhom validi.

4. Il-perjodu totali ta' residenza ta' persuni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu m'għandux jaqbeż id-90 jum għal kull perjodu ta' 180 fit-territorju ta' l-Istati Membri.

Artikolu 6 – Ħlas għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża

1. Il-ħlas tal-viża għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet ta' ċittadini mill-Moldova g ħandu jammonta għal 35 €.

L-ammont imsemmi qabel jista' jkun rivedut skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 15(4).

2. Il-ħlasijiet għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għall-viża jitneħħew għal dawn il-kategoriji ta' persuni:

a) għal qraba – konjuġi, ulied (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet u neputijiet – li jżuru ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova legalment residenti fit-territorju ta' l-Istati Membri;

b) membri ta Gvernijiet u Parlamenti nazzjonali u reġjonali, Qorti Kostituzzjonali u Qorti Suprema, jekk ma jkunux eżentati mill-ħtieġa tal-viża bil-Ftehim preżenti;

c) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika tal-Moldova, għandhom jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi:

d) għal studenti, studenti gradwati u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż il-qafas ta' programmi ta' skambju kif ukoll attivitajiet oħra marbuta ma' l-iskola;

e) persuni b'diżabilità u l-persuna li takkumpanjahom, jekk meħtieġ;

f) persuni li jkunu ppreżentaw dokumenti li jixhdu għall-ħtieġa ta' l-ivvjaġġar tagħhom g ħal skopijiet umanitarji, inkluża l-ħtieġa li jirċievu trattament mediku urġentii, u l-persuna li takkumpanja lil dawn il-persuni, jew sabiex jattendu funeral ta' qarib/a, jew biex iżuru qarib/a morda serjament;

g) parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

h) persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' skambju;

i) parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju organizzati minn bliet ġemellati u lokalitajiet oħra;

j) ġurnalisti;

k) tfal taħt l-età ta' 18-il sena u tfal dipendenti taħt l-età ta' 21;

l) pensjonanti;

m) għal sewwieqa li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri

lejn it-territorji ta' l-Istati Membri f'vetturi reġistrati fir-Repubblika tal-Moldova;

n) membri ta' l-ekwipaġġ ta' ferroviji, refriġeraturi u lokomottivi f'ferroviji li jivvjaġġaw bejn it-territorji ta' l-Istati Membri;

o) membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożja, seminars jew avvenimenti simili oħra li jsiru fit-territorju ta' l-Istati Membri.

3. B'deroga għall-paragrafu 1 hawn fuq, il-Bulgarija u r-Rumanija li huma marbutin bl-*acquis* ta' Schengen iżda li għadhom ma joħorġux viżi ta' Schengen, jistgħu jirrinunċjaw il-ħlasijiet għall-ipproċessar ta' viża nazzjonali għal żjarat qosra għaċ-ċittadini tal-Repubblika tal-Moldova, sal-jum li għandu jiġi ddeterminat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-implimentazzjoni sħiħa tagħhom ta' l-*acquis* ta' Schengen dwar il-politika tal-viża.

Artikolu 7 – Tul tal-proċeduri għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża

1. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjoni fuq it-talba li tinħareġ viża fi żmien għaxart ijiem mid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ tal-viża.

2. Il-perjodu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża jista' jkun estiż sa 30 jum f'każijiet individwali, notevolment meta jkun jinħtieġ aktar skrutinju ta' l-applikazzjoni.

3. Il-perjodu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża jista' jitnaqqas għal jumejn jew inqas f'każijiet urġenti.

Artikolu 8 – Tluq f'każ ta' dokumenti mitlufa jew misruqa

Ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Moldova li jkunu tilfu d-dokumenti ta' identità tagħhom, jew li jkunu nsterqulhom dawn id-dokumenti waqt iż-żjara tagħhom fit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova jew l-Istati Membri, jistgħu jħallu dak it-territorju fuq il-bażi ta' dokumenti ta' identità validi li jippermettu l-qsim tal-fruntiera, maħruġa minn missjonijiet diplomatiċi jew pożizzjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Moldova mingħajr viża jew awtorizzazzjoni oħra.

Artikolu 9 – Estensjoni tal-viża f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni

Iċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li m'għandhomx il-possibbiltà li jħallu t-territorju ta' l-Istati Membri fiż-żmien stabbilit fil-viżi tagħhom minħabba raġunijiet ta' *force majeure* għandu jkollhom it-terminu tal-viżi tagħhom estiż mingħajr ħlas skond il-leġiżlazzjoni applikata mill-Istat li qed jilqa', għall-perjodu meħtieġ għar-ritorn tagħhom lejn l-Istat ta' residenza tagħhom.

Artikolu 10 – Passaporti diplomatiċi

1. Ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova, titulari ta' passaporti diplomatiċi validi jistgħu jidħlu, iħallu jew jivvjaġġaw fit-territorji ta' l-Istati Membri mingħajr viżi.

2. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu joqogħdu fit-territorji ta' l-Istati Membri għal perjodu li ma jaqbiżx id-90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum.

Artikolu 11 – Validità Territorjali tal-viżi

Soġġetti għar-regoli u r-regolamenti nazzjonali dwar is-sigurtà nazzjonali ta' l-Istati Membri u soġġetti għar-regoli ta' l-UE dwar viżi b'validità territorjali limitata, iċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova għandhom ikunu intitolati sabiex jivvjaġġaw fit-territorju ta' l-Istati Membri fuq ba żi ugwali maċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 12 – Kumitat Konġunt għat-tmexxija tal-Ftehim

1. Il-Partijiet għandhom iwaqqfu Kumitat Konġunt għat-tmexxija tal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat"), magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u tar-Repubblika tal-Moldova. Il-Komunità għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, assistita minn esperti mill-Istati Membri.

2. Il-Kumitat għandu jkollu, b'mod partikolari, dawn l-impenji:

a) li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim preżenti;

b) li jissuġġerixxi emendi jew żidiet għall-Ftehim preżenti;

c) li jsolvi tilwimiet li jqumu mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet f'dan il-Ftehim.

3. Il-Kumitat għandu jiltaqa' kulmeta jkun meħtieġ fuq talba ta' waħda mill-Partijiet u mill-anqas darba fis-sena

4. Il-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 13 – Ir-relazzjoni ta' dan il-Ftehim ma' Ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u r-Repubblika tal-Moldova

Sa mid-dħul tiegħu fis-seħħ, dan il-Ftehim għandu jieħu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehimiet bilaterali jew multilaterali jew arranġamenti mwettqa bejn l-Istati Membri individwali u r-Repubblika tal-Moldova, safejn id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet jew arranġamenti jkopru kwistjonijiet li huma indirizzati mill-Ftehim preżenti.

Artikolu 14 - Klawżola ta' reċiproċità

Jekk ir-Repubblika tal-Moldova ddaħħal mill-ġdid il-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' l-UE jew għal ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' l-UE, l-istess iffaċilitar mogħti b'dan il-ftehim liċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova jkun awtomatikament, fuq bażi ta' reċiproċità, japplika għaċ-ċittadini ta' l-UE;

Artikolu 15 – Klawżoli finali

1. Dan il-Ftehim għandu jkun ratifikat jew approvat mill-Partijiet skond il-proċeduri rispettivi tagħhom u għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data meta l-Partijiet javżaw lil xulxin li l-proċeduri msemmija hawn fuq tlestew.

2. Permezz ta' deroga għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Ftehim preżenti għandu jid ħol fis-seħħ biss fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ammissjoni mill-ġdid ta' persuni jekk din id-data tkun wara d-data prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Dan il-Ftehim hu magħluq għal perjodu ta' żmien indefinit, sakemm ma jkunx terminat skond il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

4. Dan il-Ftehim jista' jkun emendat bi ftehim bil-miktub mill-Partijiet. L-emendi g ħandhom jidħlu fis-seħħ wara li l-Partijiet ikunu avżaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-pro ċeduri interni tagħhom li huma meħtieġa għal dan l-għan.

5. Kull Parti tista' tissospendi dan il-Ftehim parzjalment jew bis-sħiħ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali u protezzjoni tas-saħħa pubblika. Id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni għandha tkun notifikata lill-Parti l-oħra mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel id-dħul tiegħu fis-seħħ. Il-Parti li tkun issospendiet l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra immedjatament ladarba r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux japplikaw aktar.

6. Kull Parti tista' ttemm dan il-Ftehim billi tagħti avviż bil-miktub lill-Parti l-oħra. Dan il-Ftehim għandu jieqaf milli jibqa' fis-seħħ 90 jum wara d-data ta' din in-notifika.

Magħmul fi … fil- … ta' … fis-sena … f'żewġ kopji bil-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Moldovan, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Għall-Komunità Ewropea *Għar-Repubblika tal-Moldova,*

ANNESS

PROTOKOLL TAL-FTEHIM DWAR L-ISTATI MEMBRI LI MA JAPPLIKAWX BIS-SĦIĦ L-ACQUIS TA' SCHENGEN

Dawk l-Istati Membri li huma marbuta bl-*acquis* ta' Schengen imma li għadhom ma joħorġux viżi ta' Schengen, filwaqt li jistennew id-deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill għal dak l-għan, g ħandhom joħorġu viżi nazzjonali li l-validità tagħhom tkun limitata għat-territorju tagħhom.

Dawn l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu unilaterlament il-viżi u l-permessi ta' residenza ta' Schengen għat-tranżitu fit-territorju tagħhom, skond id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 895/2006/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006.

Minħabba li d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 895/2006/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 ma tapplikax għar-Rumanija u l-Bulgarija; ser ikunu proposti dispożizzjonijiet simili mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jippermettu lil dawn il-pajjiżi biex jirrikonoxxu unilateralment il-viżi ta' Schengen u l-permess ta' residenza u dokumenti simili oħrajn maħruġa minn Stati Membri oħra li għadhom mhux kompletament integrati fiż-żona ta' Schengen għall-g ħanijiet ta' tranżitu mit-territorju tagħhom.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA LI TIKKONĊERNA LID-DANIMARKA

Il-Partijiet jinnotaw li l-Ftehim preżenti ma japplikax għall-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi mill-missjonijiet diplomatiċi u l-pożizzjonijiet konsulari tar-Renju tad-Danimarka.

F'ċirkustanzi bħal dawn, ikun xieraq li l-awtoritajiet tad-Danimarka u tar-Repubblika tal-Moldova jikkonkludu, bla dewmien, ftehim bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra f'termini simili għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IR-RENJU UNIT U L-IRLANDA

Il-Partijiet jinnotaw li dan il-Ftehim preżenti mhux applikabbli fit-territorju tar-Renju Unit u fl-Irlanda.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun xieraq li l-awtoritajiet tar-Renju Unit, l-Irlanda u r-Repubblika tal-Moldova, jikkonkludu ftehimiet bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ tal-viżi.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA LI TIKKONĊERNA LILL-IŻLANDA U N-NORVEĠJA

Il-Partijiet jinnotaw ir-relazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja, partikolarment bis-saħħa tal-Ftehim tat-18 ta' Mejju 1999 li jikkonċerna l-assoċazzjoni ta' dawn il-pajjiżi ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-progress ta' l-*acquis* ta' Schengen.

F'ċirkustanzi bħal dawn, ikun xieraq li l-awtoritajiet tan-Norveġja, l-Iżlanda u r-Repubblika tal-Moldova jikkonkludu, bla dewmien, ftehimiet bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra f'termini simili għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA U L-LIECHTENSTEIN *(jekk ikun hemm bżonn)*

P.M. – Jekk il-Ftehim bejn l-UE, il-KE u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-Protokolli għal dan il-Ftehim dwar il-Liechtenstein ikun daħal fis-seħħ sakemm ikunu konklużi n-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova, għandha ssir ukoll dikjarazzjoni simili fir-rigward ta' l-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-AĊĊESS TA' APPLIKANTI GĦALL-VIŻA U L-ARMONIZZAZZJNI TA' INFORMAZZJONI DWAR PROĊEDURI GĦALL-ĦRUĠ TA' VIŻI GĦAL ŻJARAT QOSRA U DOKUMENTI LI GĦANDHOM JITRESSQU META SSIR L-APPLIKAZZJONI GĦAL VIŻI GĦAL ŻJARAT QOSRA

Waqt li tirrikonoxxi l-importanza tat-trasparenza għal applikanti għall-viża, il-Komunità Ewropea tfakkar li l-proposta leġiżlattiva dwar il-bixra l-ġdida ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għal missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari adottata fid-19 ta' Lulju 2006 mill-Kummissjoni Ewropea u li bħalissa qed tiġi diskussa bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tindirizza l-kwistjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess ta' applikanti għall-viża għal missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri.

Dwar l-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta lil applikanti għall-viża, il-Komunità Ewropea tikkunsidra li għandhom jittieħdu miżuri xierqa:

B'mod ġenerali, sabiex jitfassal tagħrif bażiku għall-applikanti dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni għal viżi u dwar il-validità tagħhom,

Il-Komunità Ewropea ser tfassal lista ta' ħtiġiet minimi sabiex tiżgura li l-applikanti mir-Repubblika tal-Moldova jingħataw informazzjoni bażika koerenti u uniformi u jkunu meħtieġa li jressqu, fil-prinċipju, l-istess dokumenti ta' appoġġ.

It-tagħrif imsemmi hawn fuq għandu jinfirex ħafna (fuq it-tabelli ta' tagħrif ta' konsulati, f'fuljetti, fuq siti ta' l-Internet eċċ.).

Il-missjonijiet diplomatiċi u l-pożizzjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu tagħrif dwar il-possibbiltajiet eżistenti taħt l-*acquis* ta' Schengen għall-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra fuq bażi ta' każ b'każ, u partikolarment għal applikanti *in bona fide*.

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA DWAR IR-RAPPRE ŻENTAZZJONI U Ċ-ĊENTRU TA' APPLIKAZZJONI KOMUNI F'CHISINAU

Waqt li tirrikonoxxi d-diffikultajiet taċ-ċittadini tal-Moldova meta japplikaw għall-viżi ta' Schengen minħabba l-preżenza Konsulari limitata ta' l-Istati Membri ta' Schengen, il-Kummissjoni Ewropea tinkoraġġixxi lill-Istati Membri, - u partikolarment dawk l-Istati Membri li joħorġu viżi ta' Schengen - biex itejbu l-preżenza tagħhom fir-Repubblika tal-Moldova, billi jagħmlu użu sħiħ tal-possibbiltajiet eżistenti: l-istabbiliment ta' rappreżentazzjoni tagħhom, li jkunu rrappreżentati minn Stat Membru ieħor jew bl-użu sħiħ ta' bosta għażliet li għandhom ikunu pprovduti permezz taċ-**Ċentru** ta' Applikazzjoni Komuni f'Chisinau.

DIKJARAZZJONIJIET DWAR IT-TRAFFIKU LOKALI FUQ IL-FRUNTIERI

DIKJARAZZJONI POLITIKA MIR-RUMANIJA DWAR IT-TRAFFIKU LOKALI FUQ IL-FRUNTIERA

Ir-Rumanija tiddikkjara r-rieda tagħha li tidħol f'negozjati għal ftehim bilaterali tar-Repubblika tal-Moldova għall-implimentazzjoni tar-reġim tat-traffiku lokali fuq il-fruntiera stabbilit bir-Regolament KE Nru 1931/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistipula regoli dwar it-traffiku lokali fuq il-fruntiera fil-fruntieri ta' l-art esterni ta' l-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

DIKJARAZZJONI POLITIKA MIR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA DWAR IT-TRAFFIKU LOKALI FUQ IL-FRUNTIERA

Ir-Repubblika tal-Moldova tiddikkjara r-rieda tagħha biex tidħol f'negozjati għal ftehim bilaterali mar-Rumanija għall-implimentazzjoni ta' tali reġim tat-traffiku lokali fuq il-fruntiera.

***